



Brussell, 7 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8438/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0096(NLE)**

**TRANS 263
COWEB 52
ELARG 25**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8274/21
Nru dok. Cion:	7485/21 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji amministrattivi u tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport – Adozzjoni

INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' April 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta għandha l-għan li tiffirma formula pożizzjoni tal-UE bil-ħsieb li tippreżenta lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport, għall-adozzjoni, sett ta' regoli amministrattivi dwar
 - a) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-parteciċipanti esterni għal-laqqhat tal-Komunità tat-Trasport;
 - b) l-ispejjeż tar-rilokazzjoni tal-persunal; u
 - c) il-kontribuzzjonijiet mill-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, għall-pensjoni u tad-diżabbiltà tal-persunal.

3. Il-Komunità tat-Trasport, li għandha s-sede tagħha f'Belgrad, saret operattiva f'Settembru 2019. Diġà ġew adottati regoli dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontabbiltà, ir-reklutaġġ, id-dmirijiet u l-obbligi tal-persunal, u l-missjonijiet.
4. L-abbozz tar-regoli meħmuż mal-proposta għandu l-għan li jindirizza xi wħud mil-lakuni li fadal. Fl-istess ħin ir-regoli għandhom joffru strumenti prattiċi għall-amministrazzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu attraenti għall-persunal u l-parteċipanti li jkunu ġejjin mir-reġjun kif ukoll mill-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu r-regoli applikati f'entitajiet pubbliċi internazzjonali oħra.

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

5. Wara l-preżentazzjoni u d-diskussjoni, fl-aqgħa informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks fl-10 ta' Frar 2021, ta' nota kunċettwali¹ għall-aqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali fit-12 ta' Frar 2021, il-laqgħa informali tal-grupp ta' ħidma fl-14 ta' April 2021 eżaminat il-proposta formali. Id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali laqgħu l-proposta, innotaw li s-suġġerimenti li saru matul id-diskussjoni dwar in-nota kunċettwali kienu ġew ikkunsidrati, u għamlu xi kummenti tekniċi.
6. Wara stedina għal kummenti bil-miktub², is-Segretarjat Ġenerali ċċirkola testi modifikati mmirati lejn l-allinjament orizzontali ma' fajls preċedenti.³ Talba oħra għal kummenti bil-miktub sat-30 ta' April 2021⁴ ma pproduċiet l-ebda kontribut addizzjonali mid-delegazzjonijiet.
7. Il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali hija ppjanata li ssir fl-20 ta' Mejju 2021, li fiha hemm il-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni dwar ir-regoli amministrattivi, wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill.

¹ dok. WK 1618/2021.

² dok. ST 7837/21.

³ dok. ST 7988/21 u 7989/21.

⁴ dok. ST 8274/21.

KONKLUŻJONI

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden
- japprova l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni, kif finalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti ST 8039/21 u 8040/21⁵, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-

⁵ Id-dokumenti ser ikunu disponibbli fil-11 ta' Mejju 2021, waranofsinhar.